# Id-Dar Tieghi

*Ta'* ĠER. AZZOPARDI

KONT nieżel għax-xogħol għodwa waħda u lmaħt xi djar jinbnew u nissilt il-ħsieb li ntella' waħda ċkejkna jiena wkoll. Rajt sa fejn nista' mmidd riġlejja u sibt li ma kellix biżżejjed, dort fuq xi qraba jew ħbieb u wegħduni li jgħinuni. Tkixxift min hu sid l-art, ftehemna u sibt perit u mgħallem għal qalbi li wissewni, għenuni u ma għafsunix.

Beda ġej il-ġebel u jinħadem, tħaffru s-sisien, il-ġebel beda jitqiegħed waħda ma' l-oħra u kantun fuq ieħor, ma ħax żmien wisq biex inbena — għax dari mhix il-palazz tal-baruni, anqas il-kastell tal-prinċep — iżda żewġt ikmamar fejn ħaddiem bħali jdaħħal rasu biex jaħrab qillet ix-xitwa u ħruq ix-xemx sajfija, fejn jistrieħ u jiftaħ qalbu mal-familja wara jum xogħol — u daqsxejn ta' bitħa b'xiber ħamrija fejn wieħed iħawwel lumija u larinġa.

F'daż-żmien, moħħi bdejt nagħsru għax ix-xlief kien qasir u ħtieġli li nbakkar u nisħar, naħdem u nistinka biex niffranka sold minn hawn u xelin minn hemm, u għalhekk swietli għaraq doppju. Biex taqgħad, imbagħad, ġratli gażiba li tiġri lil ħafna żgħażagħ iżda kull deni ħudu b'ġid, stabart u ż-żmien ifejjaq u juri l-iżball. Wara ħafna taħbit id-dar kienet tajba biex wieħed igħammar fiha, u hekk kif tejjiġna jien u s-sieħba li Alla bagħatli morna ngħammru fiha, dar ġdida għal familja li għadha kif bdiet tissawwar.

Ftit wara faqqgħet il-misħuta gwerra u mat-tfigħ tal-bombi qalbna bdiet ittaqtaq li d-dar sa tiġġarraf. Waqt attakk aħrax nitla' mix-xelter, kollu daħna u għabra, xhieda ta' bombi fil-qrib, u nsib id-dar miftuħa kollha, ġir imwaqqa', ġebel imkisser, ħġieġ imfarrak u bibien u twieqi maqlugħin, imbikkem, dort il-kmamar, tlajt fuq il-bejt u sibt li erba' bombi ġew ftit ixbar 'il bogħod, ġo għalqa, u erġajt inżilt fix-xelter ngħid f'qalbi li dak li għażilt ma sarlix suf għal kollox. Sewwejt fuq, fuq, u issa li l-għadu tbiegħed id-dar issewwiet sewwa u ma baqa' jidher xejn mill-ħsara li għoġbu jagħmel l-għadu ħlief ħofra fil-ħajt minn splinter biex tfakkarna li ħlisnieha bil-ħniena t'Alla.



Issa li ż-żmien għaddej ġmielu u l-familja, li bdiet tissawwar mad-dar, qiegħda tikber ma nistenniex ħaġ'oħra minn din id-dar, li swietli ħsieb, xogħol, għaraq u tbatija mhux ftit, ħlief ftit tal-faraġ fil-jiem li baqagħli ngħix.

---

## "ERRATA CORRIGE"

Sejrin nerġgħu nistampaw dawn iż-żewġ sunetti għax l-ewwel darba ħarġu b'xi żbalji li jtellfulhom mill-ġmiel tagħhom.

Is-sunett ta' Dun Karm kien deher fit-tielet ktieb ta' "Il-Malti", ta' l-1945, faċċata 67, u s-sunett ta' George Zammit ħareġ f'"Il-Malti" ta' qabel dan in-numru, faċċata 105.

## LIL DUN ANTON MIFSUD

Hemm it-trieq tal-Pjaċir, watja, xemxija
Fejn ilellex ward ċkejken bil-mijiet,
U tittajjar il-friefet f'dik id-dija
U tal-għasel titpaxxa bil-ħlewwiet.

Hemm it-trieq tas-Salib, ħarxa, ġeblija
Fejn jixxeblek l-għolliq ma' xi wardiet,
Tielgħa ma' ġenb il-għolja tat-tbatija,
Ħamra bid-demm ta' nies li minnha għaddiet.

Int għażilt din ta' l-aħħar, għaliex Alla
Sejjaħlek hawn, u int weġibt għas-sejħa:
Fuq tamietek illum tiddi l-Qawsalla.

Oh kieku d-dinja tidħol fis-santwarju
Tar-Ruħ u tara fehmtek kemm hi sbejħa!
Il-Ħena jwarrad biss fuq il-Kalvarju.

DUN KARM.

---

## LILL-IMĦARA

Tabilħaqq ngħir għalik, ja ċkejkna mħara:
Għax int, mal-blat imqabbda, ġo l-għerien,
Tħalli l-baħar qalil ma' l-art jissara
Jobrom u jħebb, daqs kieku xejn ma kien.

Bnazzi jew le, għalik il-ħajja xmara
Lixxa bħaż-żejt: mill-bidu tal-ħolqien,
Min jaf kemm drabi l-baħar safa' xagħra
U int bqajt fejn kont, rebbieħa fuq iż-żmien.

Iżda mhux inti biss, mal-blat sewdieni
Toħlom fis-skiet, fil-waqt li, bajdanija,
Il-mewġa tfawwar. Jiena bħalek, ħieni,

Naħrab tal-ħajja l-hemm u l-geġwiġija
Meta bħall-mewġ jiżżiemel il-ġejjieni:
Qalbi l-għerien, qoxorti l-poeżija.

GEORGE ZAMMIT.

Kemmuna, 7—VIII—46.